MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 52/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Dion Barbieri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-2 t'April, 2006, ghall-habta ta' 6.15 p.m., fi Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Bahar, saq vettura nru. DMX-555 :
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habit ma' vettura nru. LCA-745 u nvolontarjament ikkagunalha hsarat ghad-dannu ta' Raymond Vidal;
2. kif ukoll involontarjament ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Terry Vidal skond kif iccertifika Dr. A. Cordina M.D mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-1 ta' Frar, 2010, li biha, wara li rat l-artikolu 15(1)(a)(2) Kap. 65, 328 u 226 tal-kap. 9, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' Euro 200.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta' Frar, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar ossia tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha w, minflok, tillibera lill-appellant mill-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u minn kull piena w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-
L-appellant ma ghandu ebda tort ghall-incident illi sehh, ghall-feriti illi garrab Terry Vidal u lanqas ma ghamel ebda manuvra fis-sewqan kontra l-ligi.
F'din il-kawza deher car illi Terry vidal kien qieghed isuq fi stat qawwi ta' sakra, u li kien kjarament qieghed isuq sparat, b'mod traskurat u bla kont. Il-verzjoni ta' Vidal u tax-xhieda tieghu, apparti li ma gietx emmnuta mill-Qorti ghaliex Vidal gie kkundannat in rigward ghal xejn inqas minn seba' imputazzjonijiet, lanqas ma ghandha titqies tikkorrispondi ghall-verita' ghall-allegazzjonijiet dwar, skond Vidal, x'ghamel l-appellant, u dana ghal zewg ragunijiet; l-ewwel nett il-fatt illi Vidal u x-xhieda tieghu gibdu dwar il-fatti principali tal-kawza, imwaqqa' ghal kollox il-veridicita' tax-xhieda taghhom, f'kull aspett taghha. It-tieni nett, kieku ghall-grazzja tal-argument wiehed kellu jipprova jimmagina l-incident kif qieghed jallega li sar Terry Vidal, kieku jkun impossibbli illi l-punti ta' kollizjoni bejn il-vetturi ta' Vidal u tal-appellant ikunu dawk illi effettivament kienu.

Effettivament, kieku l-vettura ta' Barbieri kienet qeghda taghmel U-turn, mhux biss kienet tkun invadiet il-karreggjata opposta imma ma kienx ikun possibbli illi l-

istess vettura ta' Barbieri tintlaqat minn dik ta' Vidal fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura w fuq in-naha tas-sewwieq. Kieku veru illi Barbieri kien qieghed jaghmel U turn, id-daqqa kienet tkun fuq in-naha tal-passiggier, ghax inkella l-U turn lanqas biss tkun bdiet. X'aktarx, kieku vera saret U turn, kienet tkun fuq il-bibien tan-naha tal-passiggier tal-vettura ta' Barbieri, u mhux quddiem u fuq in-naha tal-lemin.

L-affidavit ta' PS 125 M. Mifsud jghid ezatt x'intqal lilu a tempo vergine. Vidal qallu tal-Mazda ghamel U turn u minhabba fih habat. Simon Gatt qallu li vettura DMX555 ghamlet U turn 'l isfel u sab lil tal-Hyundai ma' wiccu.

Kif intqal, dan li qeghdin jghidu dawn iz-zewg persuni huwa fattwalment impossibbli. Jekk Barbieri ghamel U turn, dana ghamlu biex jigi fl-istess direzzjoni lejn fejn kien sejjer Vidal, illi allura Vidal kien ikun warajh. Kif jista' jkun allura illi Barbieri jintlaqat minn Vidal fuq il-lemin quddiem tal-Mazda? Anki l-wisgha stess tat-triq, illi mhuwiex konsiderevoli, jaghmilha difficli hafna illi taghmel U turn minghajr ma tirriversja w terga' 'l quddiem. Kieku dana gara, ghal darb'ohra, Barbieri kien ikun qieghed jinvadi l-karreggjata ta' Vidal mill-wisgha kollu taghha jew kwazi, u l-impatt kien isehh lejn nofs it-tul tal-vettura w certament fuq in-naha tal-passiggier.
Apparti minn hekk, kieku Barbieri ghamel U turn huwa kien jikkrea ostakolu fiziku ghall-prosegwiment tal-vettura ta' Vidal u Vidal ma kienx jispicca jahbat ma' l-ahhar haga li habat hafna metri iktar 'l ifel minn fejn sehh l-impatt ma' Barbieri. Il-vettura ta' Barbieri kienet se mai tostakolalu l-passagg prattikament ghal kollox u mhux tippermettilu li jibqa' niezel, bil-momentum tal-incident, ghal metri u metri aktar.
Impossibbli li l-incident gara kif qeghdin jallegaw Vidal u dan ir-ragel.

Apparti minn hekk, il-gwardjan lokali xehed car illi Barbieri qatt ma invada l-karreggjata opposta. Dwar Simon Gatt imbaghad, il-Qorti tista' jekk joghgobha tara hija stess il-kwalita' w il-konsistenza tax-xhieda tieghu.

Il-kwadru tal-fatti fl-intier tieghu, kif espost hawn fuq, u l-konfront bejn ix-xhieda, kif ukoll ir-responsabilita' serja w stabilita ta' Vidal ghall-incident, huma kollha kemm huma, anki singolarment u mhux kumulativament, fl-umli opinjoni tal-appellant bizzejjed sabiex il-Qorti tasal ghal konkluzjoni ta' liberazzjoni tal-appellant minn kull piena w htija, haga illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx.
Ghalkemm huwa minnu illi l-Qorti tal-Appell difficilment tiddisturba apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-Ewwel Qorti, f'dan il-kaz ghandu jirrizulta car illi l-appellant mhuwiex responsabbli bl-ebda mod ghall-incident illi sehh. Dana ghandu jirrizulta car specjalment meta wiehed jikkonsulta anki l-process tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Terry Vidal, ghaliex kien hemm qbil bejn il-partijiet illi x-xhieda migbura fiz-zewg kawzi jiswew tabilhaqq ghaz-zewg kawzi.
Illi Terry Vidal sal-gurnata tal-prezentata ta' dana l-appell, ma kienx appella s-sentenza kontrih.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fit-2 ta' April 2006 Dion Barbieri kien qed isuq vettura Mazda DMX555 go Pioneer Road, Bugibba, hiereg minn Bugibba fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Kien qed isuq wara serbut karozzi izda gie f'kollezzjoni ma vettura bin-numru LCA745 gejja mid-direzzjoni opposta misjuqa minn Raymond Vidal.

Brian Mifsud illi kien warden hu fl-inhawi xehed illi sema' brake qawwi u jara Hyundai Accent sewda bi speed qawwi li tibqa' diehla fuq zewg karozzi ohra. Wahda minnhom kienet qed tinsaq fid-direzzjoni opposta. Din il-vettura kienet misjuqa mill-appellant li oltre passa l-linja medjana.

Simon Gatt xehed illi huwa kien miexi fuq il-bankina fid-direzzjoni tal-pjazza. Fid-direzzjoni opposta kien hemm "traffic jam" u jara Mazda MX5 tohrog minn dan it-"traffic jam" u taghmel "U turn". Dak il-hin kienet gejja Hyundai mid-direzzjoni opposta u swervjat f'daqqa biex tevita lil Mazda u baqghet diehla fuq karozza ipparkjata fil-genb tat-triq. L-MX5 kienet misjuqa mill-appellant.

Terry Vidal kien issewwieq tal-Accent sewda LCA745 u xehed illi huwa kien qed isuq bi speed normali fid-direzzjoni ta’ Bugibba u f’daqqa wahda jara Mazda ta’ kulur dehebi quddiemu qed jaghmel “U turn”, ibbrekja izda baqa’ diehel fuq zewg karozzi ipparkjati u fuq wara tal-karozza tal-appellant.

L-appellant kellu riekba mieghu Anne Marie Bonnici, fejn qalet illi kienu wieqfin fit-traffiku u f’daqqa wahda vettura ohra Hyundai Accent baqghet diehla fihom.

L-istess qal l-appellant li kien wieqaf fit-traffiku u sema’ brake gej fit-tul. Mhux veru illi ghamel “U turn”. Vidal laqtu n-naha tas-sewwieq u ma caqlaqx il-karozza minn posta ghad illi jista’ jkun bid-daqqa dawru ftit.

Id-difiza argumentat illi Terry Vidal gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati ta’ diversi kontravenzjonijiet. Kien il-kawza principali ta’ dan l-incident minhabba s-sewqan eccessiv u traskurat tieghu.

Fl-ahjar ipotesi kien hemm konflitt fil-provi li allura kellu jmur favur l-appellant.

Ikkunsidrat :

Illi fil-waqt li hu minnu li hemm zewg verzjonijiet bhal ma del resto jkun hemm f’kull kawza, l-Qorti jidhrilha illi dik moghtija minn Vidal u Simon Gatt hija aktar veritiera.

Veru illi Vidal gie misjub hati ta’ diversi kontravenzjonijiet pero’ fil-kamp kriminali kulhadd huwa responsabbli ta’ ghemilu u jekk Vidal refa’ certa responsibilitajiet ma jfissirx illi l-appellant awtomatikament se jigi ezonorat minn kwalunkwe responsabilita’ ta’ dan l-incident.

Jibda biex jinghad illi din il-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt l-appellant ghamel “U turn” f’posizzjoni ferm perikoluza.

Dana stabbilitu ukoll l-Ewwel Qorti fil-kawza kontra Vidal fejn fost affarijiet ohra qalet ***“Illi minkejja s-sewwieq***

***Dion Barbieri jichad, jirrizulta ppruvat minn xhieda indipendenti illi huwa ghamel "U turn" fi traffiku li kien miexi bil-mod, bil-mod hafna u b'kawza t'hekk sehh l-incident."***

Issa, l-manuvra ta' "U turn" hija delikata li tista' pero' ssir, basta ssir fejn u meta tista' ssir u kif ghandha ssir.

Fil-ktieb"Driving : The Department of the Environment Manuel" edizzjoni 1972 taht "U turn" (pp. 118/119) insibu dan :
***"making a U turn : this means turning your car right round in the width of the road. U turns are prohibited on motorways and in one way streets and on some other roads where there will be a sign to tell you of the prohibition. If you apply our four test questions about safety, convenience, lawfulness and your own ability you will see that a U turn is not something you can do all that often. Nevertheless, there are places where you can do it – and with some saving in time – such as little used wide roads, or other quiet roads if your car is small or has an unusually small turning circle. But always remember that this is a manouver which other drivers do not ordinarily expect, so the safe routine of mirror signal manouver is particularily important."***

Imkien ma rrizulta illi l-appellant ghamel xi sinjal qabel ma ddecieda illi jdawwar il-karozza f'din il-manuvra delikata ta' "U turn". It-triq ma kienitx wiesgha bizzejjed illi tippermetti din il-manuvra w minkejja li ma kienitx triq "one way" vetturi gejjin mid-direzzjoni opposta kienu se jigu infaccati b'emergenza istantanja kif jaraw karozza quddiemhom qed taghmel din il-manuvra.

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-konkluzzjoni ta' l-Ewwel Qorti li minkejja n-nuqqasijiet ta' Vidal, li taghhom instab responsabbli, l-kawza prossima ta' dan l-incident kien il-"U turn" illi ghamel l-appellant u dana minghajr sinjali bizzejjed sabiex javza lill-utenti l-ohra tat-triq illi kien se jaghmel din il-manuvra delikata.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti kellha ragun meta sabet lill-appellant responsabbli tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament approfondiet tal-ewwel sentenza u waslet ghall-konkluzzjoni li dik kienet ragjonevoli u legali.  Ghalhekk mhux il-kaz li tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------